**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU WIEĦED**

**6 ta' MEJJU, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera s-Sur Ignatius Farrugia, s-Sinjura Rita Grima, Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

**1.1** ***Approvazzjoni tal-Kariga ta' Sindku***

1.1.1 Il-Kunsillier Rita Grima minħabba li hi l-aktar kunsillier anzjan mill-Kunsilliera eletti ppresediet is-seduta.

Hi talbet lill-Kunsillier Ignatius Farrugia li kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li fl-elezzjoni kiseb il-maġġoranza assoluta ta' kunsillieri, jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku.

Il-Kunsillier Ignatius Farrugia aċċetta l-kariga ta' Sindku u ffirma dikjarazzjoni u għaddieha lis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppreseda s-seduta.

1.1.2 Is-Sindku Ignatius Farrugia qal li jħoss li hu flimkien mal-Kunsilliera jridu jaħdmu għal ġid ta' Żurrieq aħjar. Hu żied jgħid li jkun ferħan jekk kulħadd jiġbed ħabel wieħed għal Żurrieq aħjar. Żied jirringrazzja lill-Kunsilliera preċedenti u lis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv qassmet il-liġi tal-Kunsilli Lokali u l-kodiċi ta' Etika lil kull kunsillier u ppreżentat l-insinja u l-badge tas-Sindki lis-Sindku Ignatius Farrugia.

***1.2 Approvazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku***

1.2.1 Is-Sindku Ignatius Farrugia talab lill-Kunsillier Rita Grima li kisbet it-tieni l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li fl-elezzjoni kiseb il-maġġoranza assoluta ta' kunsillieri, jekk taċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku.

Il-Kunsillier Rita Grima aċċettat il-kariga ta' Viċi Sindku u għaddiet id-dikjarazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv.

***1.3 Ċerimonja tal-ġurament tas-Sindku u Viċi Sindku***

1.3.1 F'dan il-punt is-Sindku Ignatius Farrugia qal li nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju, 2015, fis-19:00, fl-uffiċċju tal-Kunsill ser issir ċerimonja żghira għal-ġurament tal-ħatra tas-Sindku u Viċi Sindku.

***1.4 Tqassim tad-Dekasteri.***

1.4.1 Is-Sindku Ignatius Farrugia qassam id-dekasteri lill-Kunsilliera preżenti (Dok Mehmuż no.2) u stedienhom jiffurmaw is-Sotto kumitati.

***1.5 Approvazzjoni ta' ġurnata għas-seduta li jmiss***

1.5.1 Is-Sindku ppropona li l-ġurnata tas-seduti tkun l-Erbgħa imma minħabba li ser ikun imsiefer ippropona li t-tieni laqgħa tkun nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju, 2015 fis-6.00pm.

Kien hemm qbil mad-data li ppropona s-Sindku.

Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-6.45 ta' filgħaxija.

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**